**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna )**

**vs**

**Mariyana Borisova**

**Kumpilazzjoni 362/2018**

**Illum 4 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Mariyana Borisova** detentrici tal-Karta tal-identita Bulgara bin-numru 645702555 u personal number 8712101553 hija akkuzata talli :

1. Nhar is-27 ta' Marzu 2018, minn gewwa l-istabbiliment New Look fi Triq ir-Repubbklika fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' envelope bi flus kontanti , ghad-detriment ta' Vera Lyapina u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli nhar il-21 ta' Mejju 2018, fi Triq Nicolo Isouard fil-Mosta, ikkommettiet serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi

dokumenti, credit card mahruga mill-bank HSBC ghad-detriment ta' Rita Micalef u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-artiklu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar il-21 ta' Mejju mill-ATM tal-fergha tal-bank HSBC gewwa Constitution Str. Mosta, ikkommettiet serq ta' flus, liema somma ta' flus tammonta ghall €500 billi ghamlet uzu illecitu minn credit card liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli nhar il-21 ta' Mejju mill-ATM tal-fergha tal-bank HSBC gewwa Constitution Str. Mosta, ghamlet uzu ta' kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indiriz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'kompjuter, dan sar ghad-detriment ta' Rita Micallef u/jew persuni ohra dan bi ksur tal-Artiklu 337C (1) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2018, fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera bi flus kontanti, diversi dokumenti, credit card mahruga mill-bank BOV ghad-detriment ta' Mary Anne Cardona u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-artiklu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2018, mill-ATM tal-bank BOV fi Triq Sant'Anna l-Floriana, bil-hsieb li taghmel reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta Mary Anne Cardona u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghha u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artiklu 41(1) (a) u 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli nhar l-4 ta' Gunju 2018, l-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq ta' kartiera bi flus kontanti u dokumenti ghad-dettriment ta persuni mhux maghrufa u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-artiklu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-Ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet s-sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena fejn il-Qorti kienet infurmata li l-parti leza thallset tad-danni li soffriet.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m'għandiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u li ħallset lura d-danni sofferti.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet oħra, kemm ir- rizarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta` dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ- ċirkolazzjoni, kif ukoll billi,* ***fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali****. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena."*

Il-Qorti terġa' tagħmel referenza għas-sentenza tagħha tas-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea** u ttenni li min ikun f'pajjiżna bħala mistieden, ħux għall-vaganza, għan-negozju, għax-

xoghol, ghall-istudju, biex jibni relazzjoni jew jekk persuna jinghata xi forma ta' protezzjoni ghandu jimxi b'mod strett mal-ligijiet ta' pajjizna.

Huma l-minoranza assoluta tal-"mistiedna" fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta' pajjizna. ***Patti chiari, amicizia lunga***. Nilqghuk fostna u nkomplu nibnu r-reputazzjoni madwar id-dinja fejn dan il-poplu naghtha certifikat *"**wrewna qalb tajba li ma bhalha**"*[1], izda trid tirrispetta l-ligijiet ta' pajjizna. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari. Il-Qorti theggeg lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni juzaw il-poter li taghtihom il-ligi fl-ambitu tat-trattati internazzjonali u ma jiddejqux jiehdu passi inkluz li dawk li jaghmlu reati gravi f'pajjizna u joholqu alarm bla bzonn fost il-popolazzjoni ta' dawn il-gzejjer jkunu ripatrijati minnufih wara li jiskontaw is-sentenzi lejn pajjizhom.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 261, 267, 337C(1)(f), 284, 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja u tikkundanha disa' (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti theggeg lill-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex hekk kif l-imputata tiskontaa is-sentenza tkun ripatrijata, avolja gejja minn pajjiz tal-Unjoni Ewropea ghaliex m'ghandhiex post ta' abitazzjoni f'Malta,

---

[1] Atti 28:2

m'ghandiex biex tmantni lilha innifisha u hija ta' periklu ghall-ordni pubbliku.

Inoltre, wara li rat artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lil Mariyana Borisova thallas seba' mija u disghin ewro u tlettax-il centezmu (€790.13) spejjez tal-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada u dan fi zmien tliet (3) xhur millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**